



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

30.9.2009

B7-0085/2009

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar the G20 Summit in Pittsburgh

**Lothar Bisky, Jürgen Klute, Miguel Portas,**  
fisem il-Grupp GUE/NGL

RE\791584MT.doc

PE428.689v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar the G20 Summit in Pittsburgh**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit tal-G20 li sar f' Londra fit-2 u t-3 ta' April 2009,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja tal-UE ppresjedut mis-Sur Jacques de Larosière, tal-25 ta' Frar 2009 għall-Kunsill Ewropwa tar-Rebbiegħa,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, ir-rabtiet ta' self kbar, l-arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-superviżjoni finanzjarja Ewropea<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ġesturi tal-fond ta' investiment alternattiv<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi tal-G20 f' Londra fl-4 u l-5 ta' Settembru 2009,
  - wara li kkunsidra d-‘Dikjarazzjoni tal-‘Mexxejja: Is-Samit ta' Pittsburgh’ tal-24-25 ta' Settembru 2009,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dinja għaddejjja minn reċessjoni severa u profonda u għadu mhux ċar jekk din ir-reċessjoni hijies se ssir depressjoni bħall-inkubu tas-snin tletin tas-seklu li għadda,
- B. billi r-reċessjoni kurrenti hija l-aġħar waħda mit-Tieni Gwerra Dinjija, bl-ekonomiji tal-Grupp tas-Seba' Pajjiżi (G7) għaddejjin minn kotrazzjoni kiefra u waqgħa ta' 3.7% fil-GDP dis-sena kif imbassar mill-OECD,
- C. billi l-kollass tas-sistema finanzjarja laqat l-ekonomija proprja b'ammont kbir ta' telf ta' impjegi, tnaqqis fil-livell tal-għajxien, persuni li tilfu darhom, u pressjoni kbira ferm fuq pensjonijiet u skemi tas-sigurtà soċjali;
- D. billi persuni fil-ifqar pajjiżi huma l-aktar li sofrew; billi mijiet ta' miljuni ta' nies jisfaw

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P6\_TA(2009)0367.

<sup>2</sup> COM(2009)252.

<sup>3</sup> COM(2009)207.

affettwaw peżantement miż-żjieda fil-prezzijiet tal-ikel u huwa mbassar li r-reċessjoni se tixħet 50 miljun ruħ oħra fil-qgħad; billi l-Bank Dinji jistma li l-kriżi xeħtet 90 miljun ruħ oħra fil-'faġar estrem', u dawn in-nies qed jgħixu b'anqas minn \$ 1.25 kull jum, b'mod li wieħed jibda jiddubita jekk l-Objettivi tal-Millennju tan-NU dwar ir-riduzzjoni tal-povertà jistgħux jintlaħqu; billi l-pajjiżi żviluppatti għandhom jagħtu ħafna aktar riżorsi biex jintlaħaq dan l-objettiv,

- E. billi l-inugwaljanza li qed tiżdied fid-distribuzzjoni tad-dħul u l-ġid (qligħ u ġid li qed jiżdiedu, tnaqqis drastiku fis-sehem tal-ħaddiema fid-dħul nazzjonali) f'dawn l-aħħar 30 sena kienet il-fattur ewlieni li qanqal it-tkabbir enormi tal-investment fis-swieq finanzjarji u l-ħolqien tal-bużżejqa tal-prezzijiet tal-assi; billi kemm il-politiki neoliberali tal-liberalizzazzjoni tas-suq finanzjarju, kif ukoll l-orjentazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir biex jiżdied akkost ta' kollox il-valur għall-azzjonisti kienu ppruvati li fallaw kompletament,
- F. billi l-konvinzjoni li għandhom, b'mod komuni, il-mexxejja politiċi u kummerċjali u l-ekonomisti li jsegwu l-mod ta' ħsieb predominanti li s-'swieq ħielsa jagħmlu għażliet aħjar' u li l-interazzjoni ħielsa tal-forzi tas-suq tiggarrantixxi allokazżjoni effiċjenti u effettiva tar-riżorsi għet miċħuda b'evidenza b'saħħitha mill-kriżi finanzjarja u ekonomika,
- G. billi l-kriżi finanzjarja u r-rallentament fl-'ekonomija reali', imħabblin ma' fatturi strutturali oħra (il-bidla klimatika u d-degradazzjoni ambjentali, il-kriżi tal-ikel u l-enerġija, il-kummerċ, eċċ.), juru li din hija kriżi sistemika tal-kapitaliżmu kontemporanju,
- H. billi l-gvernijiet madwar id-dinja taw ammonti kbar f'assistenza lill-banek u lill-istituzzjonijiet finanzjarji, u biss biss l-Istati Membri tal-UE approvaw total ta' € 363.1 biljun (ekwivalenti għal 30.5% tal-GDP tal-UE) f'miżuri ta' assistenza statali jew garanziji f'dak is-sens; billi dawn il-politiki jwasslu għalbiex it-telf fis-setturi finanzjarji jkun isoċjalizzat minflok ma jittieħdu l-passi li jwasslu għal nazzjonalizzazzjoni sostenibbli tal-assijiet tal-banek, li jkunu għadhom siewja,
- I. billi l-kriżi attwali tenfasizza l-bżonn li tiġi kkombinata s-setgħa ekonomika u politika kollha tad-dinja sħiħa biex il-kriżi tiġi affrontata permezz ta' politiki fiskali kkoordinati u biex jittrażżnu s-swieq finanzjarji; billi l-aktar pajjiżi żviluppatti, speċjalment l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-UE, m'għadhomx kapaċi jsolvu l-problemi waħidhom;

## **Ordni finanzjarju ġdid**

1. Jindika li s-Samit ikkonferma l-leġittimità tal-istejtus tal-G20 bħala l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-kwestjonijiet ekonomiċi tad-dinja; jinnota li din il-mossa tfisser li l-G20 qiegħed jieħu post l-istituzzjonijiet tal-G7 u l-G8, li huma ddominati mill-ekonomiji l-għonja; Jikkunsidra li dan jissimboleġġja l-fatt li l-ogħna nazzjonijiet industrijali ma għadx għandhom l-influwenza biex jiggvernaw l-ekonomija dinjija waħidhom; jissottolinea li l-mossa hija rikonoxximent li l-G8, li hu aktar limitat, ormaj safa antikwat lil hinn minn kull tama, billi kien jeskludi l-ekonomiji emerġenti taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel, il-Messiku u l-Brażil;

2. Jisħaq, b'danakollu, li anki l-G20 huwa biss parti mill-ekonomija globali; jinsisti għalhekk dwar l-irwol importanti tan-NU fir-risoluzzjoni tal-kriżi ekonomika, biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti urġenti tal-ifqar pajjiżi tad-dinja;
3. Jiddispjaċih li l-Istati Membri tal-G20 naqsu mill-objettiv li huma stess iddikjaraw fis-samit tal-G20 f'April 2009 f'Londra li jieħdu b'saħħa u minnufih il-passi biex isiru regoli għal 'ordni ekonomiku ġdid'; jikkunsidra li huma urġentement meħtieġa *poles* bankarju u finanzjarju bi sjieda pubblika biex il-kreditu jittieħed lejn investiment soċjalment u ambjentalment utli li johlq impjegi ta' kwalità tajba b'jeddijiet għall-ħaddiema; jikkunsidra li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki ta' kreditu tas-settur finanzjarju għandhom isiru taħt kontroll pubbliku demokratiku u bil-parteciġazzjoni demokratika tal-impjegati u l-konsumaturi;
4. Jikkritika l-fatt li sadattant ma tfaġġitx l-arkitettura ta' dan l-ordni ġdid; Jiddispjaċih li l-istandards regolatorji finanzjarji, inoltre, iwarjaw bil-bosta bejn id-diversi ġurisdiżżjonijiet; jikkritika b'saħħa l-attitudni ġenerali fost il-politiċi Ewropej u Amerikani li regolament finanzjarju aktar mgħaġġel u b'ambitu aktar miftuħ johlq biss tfixkil u ħsara lis-'swieq';
5. Jappoġġja l-inizjattiva ta' xi mexxejja tal-pajjiżi G20 favur salarju bonus definit tajjeb għall-bankiera u restrizzjoni fuq salarji eċċessivi; jenfasizza li hemm ħtieġa urġenti li jkun kkontrollati l-bonuses ta' bankiera diġà mhalsa sew; jikkritika d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-laqgħa tal-G20 talli ma semmiex il-limiti diretti fuq is-salarji u lis-Samit talli ma sabx ftehim aħħar dwar is-salarji eżekuttivi; jiddispjaċih li l-Grupp irnexxielu biss jikseb konsensus dwar id-'delineament bażiku' ta' proposta biex ikun hemm limitu fuq il-kumpens tal-bankiera sal-aħħar tas-sena;
6. Jinsab konvint li t-tort għall-kriżi hu mhux biss tal-manigiers rgħiba fl-industrija finanzjarja imma, b'mod daqsinsaw, tal-gvernijiet tal-Istati Uniti u ta' kważi l-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll tal-istituzzjonijiet tal-UE, li kollha kemm huma ppromwovew il-liberalizzazzjoni tas-swieq finanzjarji; iqis li 'regoli vinkolanti' vagament definiti bħalma huma dawn dwar salarji bonus huma proposti wkoll biex juru xi azzjoni li tagħti serħan il-moħħ lill-pubbliku;
7. Jilqa' l-fteħima tal-Grupp tal-G20 li l-banek għandhom ikunu rikjesti jżommu xi porzjon mill-mutwi li jirripakkettaw u jbigħu bħala garanziji *asset-backed*, imma jikkritika b'saħħa l-fatt li l-kapital li l-banek iżomm biex ikopri ċerti pożizzjonijiet x'aktarx se jkun biss irduppjat u r-regoli l-ġodda ma humiex se japplikaw aktar kmieni mill-aħħar tas-sena d-dieħla; jiddispjaċih li l-G20 irid biss li l-Kumitat ta' Basel jirrediġi r-regoli sal-aħħar tas-sena għal 'standard minimu ta' likwidità globali', li hija formula mfassla b'mod vag ħafna; jindika li jista' jkun hemm ir-regolamentazzjoni li tikkompreni kollox jekk kemm-il darba ssir fuq il-bażi ta' informazzjoni li tista' tkun ivverifikata pubblikament u ma tistax isserraħ fuq informazzjoni li hija magħrufa biss mill-entità regolata; jinsisti li l-adeqwatezza tal-kapital tal-ewwel pilastru ta' Basel II għandha tkun aġġornata radikalment, għax ir-*risk-weighting* tagħha tal-assijiet joqgħod in parti fuq il-mudelli interni tal-banek li huma magħruffin biss mill-istess banek;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-regoli dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u sabiex titjeb is-supervizzjoni tal-dawn l-aġenziji fid-dinja kollha; jindika li huwa ovvju u ineluttabbli li jkun hemm kunflitt ta' interess fl-ikkombinar tal-attivitajiet ta' *rating* mas-

servizzi ta' konsulenza jew mal-bejgħ ta' servizzi jew prodotti oħrajn lukrattivi lill-klijenti li jkunu qed ifittixu l-aqwa *rating* possibbli; Jirrimarka, għalhekk, li hi ukoll meħtieġa Aġenzija Ewropea għall-Klassifikazzjoni tal-Kreditu pubblika sabiex jingħelbu l-kunflitti ta' interess li jtellfu l-proċess ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;

9. Hu tal-opinjoni li s-settur finanzjarju għandu jerġa' lura għall-funzjoni inizjali tiegħu u jopera l-ewwel u qabel kolloxx fl-interess pubbliku, jaċċetta ritorn aktar baxx u jaqbel ma' sistemi ta' ħlas ta' bonus maħsuba biex jiġu evitati r-riskji u b'miri fit-tul minflok għall-profitti fuq terminu ta' żmien qasir; jirrimarka li l-industrija finanzjarja fil-pajjiżi industrijalizzati u speċjalment fl-Istati Uniti u f' uħud mill-Istati Membri tal-UE hi kbira wisq għall-ġid tas-soċjetajiet u għandha tiċċekken għal daqs aktar benefiku; jisħaq li dan jista' jingħata l-appoġġ ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li jkollha bażi wiesa'; jiddispjaċih li l-mexxejja tal-G20 kulma taw lill-IMF kienet ir-responsabbiltà li jinvestigaw il-possibilità li tali taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tikkontribwixxi għalbiex ikunu koperti l-kostijiet tal-kriżi finanzjarja reċenti u jiġu evitati kriżijiet futuri;
10. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni sħiħa u kkoordinata ħalli jinqerdu l-paridisi fiskali, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ħruġ illegal tal-kapital; ifakkar lill-mexxejja fl-impenn li ħadu fl-ewwel Samit tal-G20 li 'l-era tas-sigriet bankarju spiċċat'; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li l-korporazzjonijiet transnazzjonali jiżvelaw il-profitti tagħhom;

### **Iggwida s-swieq, iġġieled id-dipressjoni u impjegi siguri u drittijiet**

11. Jirrimarka li l-indikaturi kollha juru li l-kriżi għadha ma ntemmitx; iwissi f'dan il-kuntest kontra repetizzjoni tal-iżbalji li saru fid-Dipressjoni l-Kbira, partikolarment it-tnaqqis tal-pagi; jenfasizza l-appell tal-OECD li l-gvernijiet jeħtieġ li jibqgħu jstimulaw l-ekonomiji tagħhom għaliex iż-żieda kontinwa tal-qgħad u s-swieq dgħajfa tal-housing se jkomplu jeffettwaw ħażin id-domanda privata filwaqt li r-rati baxxi tal-interessi attwali għalissa għandhom jibqgħu fis-seħħ; jenfasizza l-opportunità li jkunu ttrasformati l-ekonomiji permezz ta' investiment qawwi fl-impjegi 'ħodor' u 'bojod' fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, tas-servizz u l-kura pubbliċi u billi jkun inkoraġġit tnaqqis fil-ħin tax-xogħol mingħajr tnaqqis ta' salarji sabiex ikun miġġieled il-qgħad u l-ħaddiema jkunu jistgħu jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali tagħhom ma' dik mhux-lavorattiva; jikkritika b'saħħa l-lingwaġġ neo-liberali tad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja bħal: 'it-tisħiħ tal-abilità tal-ħaddiema tagħna li jadattaw għall-bidliet f'dak li jitlob minnhom is-suq';
12. Jissottolinea, bis-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea quddiem għajnejh, it-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li jirredigju 'Programm ta' Investment Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Impjegi u l-Inklużjoni Soċjali' li jkun addizzjonali, ta' mill-anqas 1% tal-GDP tal-UE li għandu jkun ikkumplementat bi programmi simili ta' investiment pubbliku fl-Istati Membri;
13. Jinnota, fid-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20, il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' proċess trasparenti u kredibbli għat-tneħħija tal-appoġġ għas-settur fiskali, monetarju u finanzjarju straordinarju għal meta ż-żmien ikun wasal għal ritirata strateġika; isejjaħ għal politiki kkoordinati sabiex l-ekonomija tiġi stabbilizzata kontra r-riċessjoni, tiġi affrontata l-bidla fil-klima, jissaħħaħ l-iżvilupp ambjentalment u soċjalment sostenibbli, jissaħħu s-servizzi

pubbliċi u jiġu promossi impjegi għal kulħadd b'xogħlijiet ta' kwalità u drittijiet soċjali; jirrimarka l-ħtieġa li tkun jorganizza koordinazzjoni internazzjonali ta' pjanijiet ta' rkupru tal-inqas tal-Istati Uniti, tal-UE, taċ-Ċina, tal-Indja, tal-Brażil, tar-Russja u tal-Ġappun sabiex ikun indirizzat r-rallentament fl-attività ekonomika u fl-impjegi minflok li l-Istati Membri jitħallew jiffaċċjaw il-kriżi għal rashom;

14. Jindika li kull ritirata strateġika minn programmi ta' stimolu ekonomiku għandha tkun imsejsa fuq politika ta' ridistribuzzjoni tal-għid u d-dħul minn fuq s'isfel; Jikkunsidra li, biex jittaffa kull defiċit hekk malli jkun hemm irpiljar robust, għandha tkun promossa tassazzjoni progressiva skont il-prinċipju li 'l-isħaħ spalel iġorru l-itqal piż' biex b'hekk tinkiseb il-ġustizzja distributtiva b'jeddjiet robusti għall-ħaddiema, *welfare state* f'saħħtu, tkabbir tas-servizz pubbliku u koeżjoni soċjali u territorjali mtejba;
15. Jenfasizza li l-pajjiżi li għandhom bilanċi kbar ta' esportazzjoni jeħtieġilhom jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-ekonomiji interni tagħhom u jsaħħu d-domanda interna, filwaqt li jenħtieġu politiki kkoordinati f'livell globali biex jikkontrollaw l-iżbilanċi kbar fl-ekonomija dinjija; jissottolinea li dawn l-iskwilibriji huma għejun tal-kriżi kurrenti; jilqa', għalhekk, il-ftehim tal-G20 li jirrifurmaw l-arkitettura globali billi jgħibu ekwilibriju mill-għdid fl-ekonomija dinjija bejn il-pajjiżi mgħobbija bid-dejn u l-esportaturi felħanin; jappoġġja l-idea li l-pajjiżi li jikkunsmaw aktar milil jmisshom, bħalma huma l-Istati Uniti, għandhom iserrħu aktar fuq it-tifdil u dawk il-pajjiżi li jwarrbu kemm-il *surplus* kbir, bħalma huma ċ-Ċina u l-Ġermanja, iserrħu aktar fuq l-iżvilupp tal-ekonomiji interni tagħhom;
16. Jilqa' s-suċċess li nkiseb fir-riforma tal-*governance* tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li rrikonoxxiet is-saħħa kulma tikber tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jisħaq li l-moviment ta' mill-anqas ħamsa fil-mija fil-poter tal-votazzjoni fil-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u ta' tlieta fil-mija fil-Bank Dinji mill-pajjiżi li kienu sovrarrappreżentati lejn il-pajjiżi li kienu sottorappreżentati ma jistax ma jidhirx bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba; jappoġġja l-proposta tal-mexxejja tal-Brażil, ir-Russja u l-Indja għal moviment ta' sebgħa fil-mija fil-kwoti tal-IMF favur il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jilqa' l-impenn tal-G20 li jħares is-sehem ta' votazzjoni tal-ifqar fl-IMF; jappella lill-Presidenza u lill-Kummissjoni biex japprovaw l-analiżi u l-proposti ta' riforma tal-Kummissjoni ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riformi dwar is-Sistema Monetarja Internazzjonali mmexxija minn Joseph Stiglitz;
17. Jirrimarka li xi Stati Membri fl-ewropa Ċentrali u tal-Lvant intlaqtu sew mill-kriżi u qed jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għall-kreditu u għal investiment għdid; jikkritika l-fatt li dawn l-Istati Membri tal-UE huma vittmi tal-programmi ta' aġġustament strutturali tal-IMF u li l-assistenza ta' emerġenza tal-UE tħaddem l-istess modalitajiet; Jindika li l-programmi anti-soċjali tal-IMF għandhom jitneħħew mill-Ewropa u li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għal dawk l-Istati Membri għandu jintrabat mal-prinċipji tal-mudell soċjali Ewropew; huwa mħasseb dwar l-intenzjoni tal-G20 li jagħti aktar setgħa lill-IMF li jimmonitorja l-oqfsa ta' politika tal-Istati Membri u l-jedd li jwettqu għamla ta' valutazzjoni jew valutazzjoni mill-pari biex ikun żgurat li l-Istati qed jimxu mal-oġġettivi tal-pjan;
18. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE jkollha l-Fond Monetarju Ewropew (EMF) tagħha biex toffri

self ta' emerġenza lill-gvernijiet li ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw id-djun baġitarji tagħhom jew jipprorogaw is-saldu tal-debiti li mmaturaw; Jiddispaċih, għalhekk, li l-intenzjoni tal-G20 li jsaħħa l-IMF b'aktar flus mingħajr ma ssir valutazzjoni mill-qiegħ tal-kriterji ta' modalitajiet anti-soċjali li tkun aktar radikali mill-aħħar waħda li ġiet implimentata mill-IMF wara s-Sammit tal-G20 ta' Londra;

19. Jilqa' l-fatt li d-Dikjarazzjoni tirriaferma l-oġettiv, id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC); jenfasizza l-hteġa li jintlaħaq ftehim ambizzjuż f'Kopenhagen permezz tan-negozjati UNFCCC;
20. Jilqa' l-intenzjoni tal-pajjiżi tal-G20 li jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw u l-impenn tagħhom li se jilqħu l-Oġettivi tan-NU tal-Millennju għall-Iżvilupp, inklużi l-impenn għall-Għajnuna għall-Kummerċ, ir-riduzzjoni tad-dejn, u dawk magħmulin f'Gleneagles, l-aktar favur l-Afrika tas-Sub-Saħarjana, għall-annu 2010 u lil hinn minnu; jitlob li jkun hemm aktar assistenza għall-pajjiżi li huma l-aktar sottożviluppati biex jittaffa l-impatt soċjali tal-kriżi;
21. Jikkritika b'saħħa l-impenn tas-Samit tal-G20 favur li tiġi żgurata konklużjoni ambizzjuża għar-Rawnd għall-Żvilupp ta' Doħa; jirrimarka li r-Rawnd jespandi sistema ta' regoli kummerċjali li jagħmlu ħsara lill-ekonomiji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jinterferixxi mal-ispazju politiku domestiku tal-pajjiżi; jitlob li jkun hemm is-sospensjoni tan-negozjati dwar l-akkwist governattiv, il-jeddijiet tal-propjetà intellettuali, u l-liberalizzazzjoni tal-investment u s-servizzi, peress li dawn huma fl-interess tal-pajjiżi żviluppati biss, idgħajfu l-provvista tas-servizzi pubbliċi u jheddu l-istabilità ekonomika u finanzjarja;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-mexxejja tal-G20, lill-Kunsill, lill-Eurogroup, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.